**QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE**

**Illum 6 ta' Novembru 2024**

**Mandat Nru: 1631/2024/1 AF**

**Maria Dolores Camilleri**

**vs**

**Mark Camilleri**

Rat ir-rikors ta' Maria Dolores Camilleri li permezz tiegħu hija talbet lil din il-Qorti żżomm lill-intimat Mark Camilleri milli jaljena jew jgħabbi b'xi piż żewġ proprjetajiet immobbli.

Rat ir-risposta ta' Mark Camilleri.

Semgħet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-proċedura Maria Dolores Camilleri trid tqiegħed fis-sod pretensjoni tagħha għas-sehem riżervat mill-wirt ta' żewġha.

Doveruż għall-Qorti tissenjala f'dan l-istadju li hija kostretta b'dak li jidher mad-daqqa t'għajn. Tenfasizza li hija ma tistax leġġerment ixxejjen jedd ta' kreditur li jikkawtela pretensjoni tiegħu b'kull mod li tipprovdi l-Liġi. Inoltre huwa ritenut illi mandat jinħareġ taħt ir-responsabbilita` tal-pretiż kreditur. Il-ġurisprudenza fil-kuntest hija kopjuża u kostanti.

Dan kollu premess, jirriżulta li r-rikorrenti hija armla minn Joseph Camilleri li minnu hija kienet separata permezz ta' sentenza (illum finali) pronunzjata fit-3 ta' Novembru 2022.

L-istess sentenza ċaħdet talba rikonvenzjonali għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet elenkati fl-Art. 48 et seq tal-Kap. 16.

Jirriżulta illi permezz ta' testment fl-2017 (u ċioe` 5 snin qabel il-pronunzjament tas-separazzjoni) Joseph Camilleri kien għamel testment li permezz tiegħu ħatar lil ibnu Mark, l-intimat, bħala werriet universali u permezz tal-istess testment iddiżeredita lil martu minħabba offiżi gravi.

Il-validita` o meno tad-diżereditazzjoni hija materja li żgur tirrikjedi skrutinju aktar profond minn dak li hu meħtieġ f'din il-proċedura. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma meqjusa illi r-rekwiżiti tal-Liġi kif kostantement interpretati mill-ġurisprudenza jinsabu sodisfatti. Il-ħsara rekata lir-rikorrenti jekk jinbiegħu l-proprjetajiet hija evidenti, partikolarment meta wieħed iqis illi s-sehem riżervat reklamat jidher li jilħaq is-somma ta' €500,000.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' definittivament it-talba kif kontenuta fir-rikors ta' Maria Dolores Camilleri tas-7 ta' Ottubru 2024.

Tidderieġi lir-Reġistratur jeffettwa r-reġistrazzjonijiet meħtieġa skont il-Liġi.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali fil-kawża fil-mertu.

IMĦALLEF